Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru 13/14AE

**Peter Gatt**

**vs**

**Brandon Theuma – Krea (Malta) Limited**

Il-Gimgha, 29 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' avviż quddiem it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumaturi l-attur talab li l-kumpannija konvenuta tiġi kkundannata tbiegħlu gwardarobba bil-prezz ta' €85 li ordna bl-istess prezz minn fuq is-sit elettroniku tal-kumpannija.

Il-kumpannijia konvenuta eċċepiet (1) l-inkompetenza *rationae materiae* tat-Tribunal għax quddiemu ma tistax issir talba għal ezekuzzjoni iżda biss *"talba li tkun marbuta ma' valur"* (sic); (2) in-nullita` tal-proċeduri għax ma ġewx osservati d-disposizzjonijiet tal-artiklu 79 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) l-attur m'għamel ebda ordni bl-internet imma kien hemm riklam fuq l-internet li speċifikament jgħid li l-ordnijiet u allura l-kuntratti ta' bejgħ isir mill-ħanut tal-kumpannija. X'ħin mar il-ħanut l-attur ġie nfurmat bid-dettalji kollha u lanqas biss għamel ordni; (3) l-attur iddikjara li ma kellux x'jagħmel u ried jaqbad mar-rappreżentant tal-kumpannija, kif fil-fatt qed jagħmel.

B'sentenza tat-30 ta' Lulju 2014, it-Tribunal:-

(1) Innota li s-soċjeta` konvenuta offriet li tbiegħ il-gwardarobba nofs prezz (€174.50) iżda l-offerta ġiet rifjutata.
(2) Iddikjara li l-prezz riklamat *"kien żball ġenwin".*
(3) Ordna li l-gwardarobba tinbiegħ għall-prezz ta' €174.50 b'kull parti tbati l-ispejjez tal-kawża.
(4) Ordna lis-soċjeta` konvenuta tħallas €100 danni morali.

Is-soċjeta` konvenuta appellat permezz ta' rikors tal-appell eċċessivament elaborat li fis-sustanza għandu dawn l-aggravji:

(1) it-Tribunal kiser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta (i) *ex officio* ċaħad ir-risposta (ii) meta ddikjaraha kontumaċi u ma ħallihiex tressaq provi fil-mertu (iii) meta ċaħad it-tweġibiet bla ma kkunsidrahom.
(2) żbalja meta straħ fuq l-offerta ta' nofs prezz li ma ġietx aċċettata u meta ikkundanna l-ħlas tad-danni morali, liema kkundanna hi wkoll *extra petita* (ara para. 8.4 tar-rikors tal-appell)

Ir-risposta tal-appellat hija, fis-sustanza, illi:-

(1) l-appellanti ma ppruvatx tiġġustifika l-kontumaċja. Minkejja dan it-Tribunal xorta sema' lill-avukat tagħha tant li laqa' t-talba limitatament għall-offerta (fuq imsemmija) tal-konvenuta, issa appellanti.
(2) Mhux l-ewwel darba li t-Tribunal iddikjara l-istat kontumaċjali.
(3) Fil-kap 378 m'hemmx artiklu ekwivalenti għal Art. 13 tal-kap 380 u għalhekk it-tagħlim ta' **Wembley Crane Hire Ltd v Servio Gauci** (Tribunal għal Talbiet Żgħar) mhix applikabbli.
(4) (a)L.S. 378.01 jikkontemplaw li l-appellat *"jista"* u mhux *"għandu"* jagħmel applikazzjoni għal Ordni ta' Inadempjenza. (b) minkejja l-kontumaċja s-soċjeta` appellant xorta dehret u għalhekk l-Ordni ma kellhiex għalfejn issir (ċ) l-applikazzjoni kien jagħmilha t-Tribunal stess kieku ċ-ċirkustanzi kienu differenti.
(5) l-aħħar żewġ aggravji jikkonċernaw apprezzament tal-fatti u għalhekk mhux appellabbli.
(6) l-appell sar għab-bażi ta' ksur tal-*audi alteram partem* u għalhekk ma kellhiex issir ukoll riferenza għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Fi kwalunkwe każ it-Tribunal huwa kompetenti.
(7) Skond L.S. 378.09, l-appellanti obbligata tbiegħ il-prodott skont il-prezz reklamat.

Il-qorti rat l-atti minn fejn jirrizulta li l-attur kien ordna gwardarobba minn fuq il-website tas-socjeta konvenuta fejn kien jinghad li l-prezz hu ta' €85 inkluz it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Wara li saret l-ordni l-attur ircieva email li kienet tghid *"order has been received"*. Meta l-attur mar biex ihallas il-prezz gie nfurmat li l-prezz kwotat fil-website, kien zbaljat.

**<u>Kontumacja</u>**.

Fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Lulju 2014 it-Tribunal qal:-

*"It-Tribunal wara li ra r-regolament nru 4.1 tal-ligi sussidjarja 378.01 u wara li ra li l-intimat ipprezenta r-risposta bil-miktub f'din l-udjenza u cioe' wara li kien skada t-terminu ta' 18 il-gurnata hekk stipulat mill-istess legislazzjoni sussidjarja, qed jichad ir-risposta tal-intimat u jiddikjara li l-intimat baqa' kontumaci"*.

Jirrizulta li fis-16 ta' Gunju 2014 is-socjeta konvenuta giet notifikata bl-avviz tat-talba u fis-16 ta' Lulju 2014 ipprezentat twegiba. Skond regolament 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, twegiba ghandha tigi pprezentata fi zmien tmintax-il gurnata min-notifika tal-avviz tat-talba.

Fil-fehma tal-qorti ma kien hemm xejn x'izomm lit-Tribunal milli *ex officio* iqajjem il-punt li s-socjeta konvenuta ma wegbitx fit-terminu kontemplat mil-ligi. Terminu li hu perentorju. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila** (21 ta' Marzu 1997) fejn inghad:-

*"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u* ***f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill- Qorti ex officio*** *... ... In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha".*

It-tezi tal-appellanti hi li:-

i) It-Tribunal ma setax *ex officio* jiddikjara li qieghed jichad it-twegiba tal-kumpannija konvenuta minhabba li giet prezentata wara t-tmintax-il gurnata.
ii) Ir-regolament 4.1 ma jatix lit-Tribunal is-setgha li jaghmel dak li fil-fatt ghamel. Kien biss l-attur li seta' jitlob rimedju.

Regolament 4.1 tar-*"Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur"* (Legislazzjoni Sussidjarja 378.01) jipprovdi li konvenut għandu 18-il jum biex jippreżenta risposta. Terminu li jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. Jekk jonqos, l-attur jista' jitlob lit-Tribunal biex joħroġ ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat. *"Ordni t'inadempjenza"* hi mfissra f'Regola 2 bħala *"deċiżjoni tat-Tribunal fuq il-kwistjonijiet li jkun hemm quddiemu wara li xi parti tonqos milli twieġeb, jew tammetti, talba jew kontro-talba li tkun ġiet notifikata bihom".* Għalhekk skont l-imsemmija Regoli, ordni bħal din tinħareġ fuq talba tal-kontroparti u mhux *ex officio* mit-Tribunal. F'dan il-kaz l-attur m'ghamilx talba simili. Pero' dan ir-rimedju ma jfissirx li f'dawn it-tip ta' proceduri ma tezistix il-kontumacja.

Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-konvenut:

i) Hu veru li fil-verbal jinghad li minhabba din ic-cirkostanza t-Tribunal *"...qed jichad ir-risposta tal-intimat".* Pero' ghall-qorti hu evidenti li dak li ried ighid it-Tribunal hu li mhux ser jikkunsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u fil-fatt hekk ghamel.
ii) Ir-regolament 4.1 jipprovdi lill-attur b'rimedju meta l-konvenut ma **jwegibx**. Pero' r-regolament jiffissa wkoll it-terminu li fih konvenut ghandu jwiegeb ghall-avviz tat-talba. Terminu li hu perentorju u ghalhekk ma jistax jigi estiz. Hu ovvju li t-Tribunal kellu bilfors jaghmel riferenza ghal dak ir-regolament gialadarba hu l-provvediment li jiffissa t-terminu li fih ghandha tigi pprezentata r-risposta mill-konvenut.
iii) 'Il fatt li l-ligi ma tipprovdix espressament li materja simili tista' tigi sollevata *ex officio* mit-Tribunal, mhi ta' ebda konsegwenza. Hu principju baziku li kull awtorita gudizzjarja ghandha awtorita li *ex*

*officio* tissolleva materja ta' ordni pubbliku, kif wara kollox huma t-termini dwar il-kondotta ta' proceduri. It-twegiba ma kellha qatt tigi pprezentata ladarba kien ghadda l-perjodu stipulat fil-ligi, jekk mhux wara li jintalab permess lit-Tribunal u tinghata raguni valida ghalfejn naqset.

Gialadarba l-konvenuta ma pprezentatx twegiba fit-terminu kontemplat mil-ligi, kienet kontumaci. Il-qorti tosserva wkoll kif mill-atti ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta talbet lit-Tribunal sabiex tiggustifika 'l fatt li ma pprezentatx twegiba. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Waste Control Services Limited vs Kunsill Lokali tal-Mosta, 19 ta' Gunju 2001:

*"Li kieku l-konvenut appellant, minflok qabad u pprezenta nota ta' eccezzjonijiet b'mod irritwali ghaliex kien totalment "fuori termine" u ma kienx awtorizzat jimxi diversament, intavola talba biex jiggustifika lkontumacja tieghu jew ta' lanqas ottjena "visto" mill-kontroparti, allura f'dak il-kaz l-ewwel Qorti kienet tkun obbligata li ma tissorvolax tali operat, imma l-konvenut appellant minn dan kollu m'ghamel proprju xejn. Kwindi l-pretensjoni tieghu li "n-nota (ta' l-eccezzjonijiet) kellha tigi gudikata" ma hijiex gustifikata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz".*

Fic-cirkostanzi hu ghal kollox barra minn loku l-ilment tal-konvenuta li ma nghatax smiegh xieraq.

Fit-tieni aggravju l-konvenuta argumentat li ladarba l-ligi ma tghidx li ghandu jkun hemm certu sanzjonijiet ta' kontumacja, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ma kellux jipprocedi billi johloqhom hu stess. Kompliet tghid li l-uniku sanzjoni hi jekk il-parti konvenuta ma tkunx prezenti. Il-qorti tosserva:

i. Biex konvenut jiddefendi ruhu hemm bzonn li jipprezenta twegiba. Fiha jkun hemm id-difiza tal-konvenut u x-xiehda li ser iressaq. Meta konvenut jipprezenta t-twegiba wara t-terminu kontemplat mil-ligi, l-att fih innifsu hu rritwali.
ii. Jekk konvenut li pprezenta twegiba *fuori termine* jista' xorta jressaq id-difiza flimkien mal-provi in sostenn tad-difiza, ikun ifisser li m'hemmx raguni ghalfejn il-ligi tiffissa terminu fiss ghal prezentata tat-twegiba.
iii. Il-qorti rat is-sentenza **Wembley Crane Hire Limited vs Sergio Gauci** tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-6 ta' Marzu 2012[1], li kkonkludiet li ghalkemm il-konvenut ipprezenta t-twegiba wara z-zmien kontemplat mil-ligi, quddiem it-Tribunal ma tezistix il-kontumacja. Il-qorti ghandha r-rizervi, apparti li f'dak il-kaz kienu japplikaw regolamenti differenti. Il-qorti temmen li l-prezenza tal-konvenut m'hijiex bizzejjed sabiex ikun jista' jressaq id-difiza u l-provi biex jirribatti ghall-pretensjoni tal-attur, f'kaz li ma jwegibx jew jipprezenta twegiba li hi rritwali. Jekk ikun mod iehor ikun

[1] Kif ukoll il-gurisprudenza li saret riferenza ghaliha.

ifisser li wara li l-attur jaghlaq il-provi, il-konvenut ikun facilment iressaq difiza u provi kif jaqbillu. L-ghan wara twegiba hi li l-konvenut jiddikjara mill-bidu tal-process x'inhi d-difiza tieghu u b'hekk l-attur ikun infurmat.

Fit-tielet aggravju l-appellanti lmentat ukoll li ma thallitx taghmel sottomissjonijiet (ara tielet aggravju). Dan m'huwiex veru. Fil-fatt fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Lulju 2014 jinghad:

*"Wara li saret trattazzjoni l-kaz gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Lulju 2014"*.

Fir-raba' aggravju l-appellanti argumentat li t-Tribunal ghamel konfuzjoni bejn l-istat ta' kontumacja u cahda ta' twegibiet. Aggravju li fil-fehma tal-qorti hu fieragh. L-appellanti qeghda tfettaq fit-tentattiv taghha sabiex tipprova tohloq bazi ta' appell. Hu ovvju li l-ordni tat-Tribunal waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2014 kienet fil-kuntest li t-twegiba kienet *fuori termine*. Il-kliem *"qed jichad ir-risposta tal-intimat"* m'ghandhomx jinghataw tifsira litterali. It-Tribunal b'dik l-ordni ma kienx qieghed jiddeciedi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, izda jiddikjara li m'huwiex ser iqies it-twegiba ladarba rrizulta li kienet tardiva u ghalhekk irritwali.

Ghalhekk l-ewwel tliet aggravji huma michuda.

**Aggravju dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal**.

L-appellanti issostni li t-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tal-attur kienet sabiex tigi kkundannata tbieghlu gwardarobba meta l-ligi tikkontempla biss *money claims*. Mill-avviz tat-talba hu evidenti li l-attur talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta tatih gwardarobba bil-prezz ta' €85.

Artiklu 20(1) tal-Kap 378 jagħti lit-Tribunal *"ġurisdizzjoni li jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba*[2]*"* ma jkunx iktar minn €3,500, *"u meta t-talba jkollha x'taqsam.. max-xiri jew kiri ... jew l-għoti ta' servizzi"*. Imkien ma tipprojbixxi deċiżjonijiet li jimponu ordni *"di dare"*. Fi kliem ieħor il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ma tidhirx ristretta, bħalma hi tat-Talbiet Żgħar, fejn il-gurisdizzjoni hi limitata għal *"talbiet kollha ta' flus" (fit-test Ingliz, money claims)*[3].

Dan l-aggravju hu michud.

**Kumplament tal-aggravji**.

Ma jistghux jigu kkunsidrati peress li:

---

[2] Fit-test Ingliz, *"Value of the claim"*.
[3] Artikolu 3 tal-Kap. 380.

1. Li l-ammont in kwistjoni ma jaqbizx is-somma ta' €1,200;
2. F'kazijiet simili appell jista' jsir biss f'wiehed mit-tliet kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 22(2) tal-Kap. 378, u l-aggravji numru hamsa u 6 m'humiex tali.

Ghalhekk dawn l-aggravji huma michuda.

**Ghaldaqstant, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.